# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu, 2016**

**Talba Nru: 407/2015/VG**

**Elmo Insurance Limited [C-3500]**

**vs**

**Joseph MIFSUD [ID. Nru. 503455M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-27 ta' Mejju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elfejn u erbgha u sebghin euro u sebgha u erbghin centezmi ta' euro [€2, 074.47c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "1. Is-socjeta attrici Elmo Insurance Limited sborsat a favur tar-rikorrenti fil-kawza fl-ismijiet "Thomas Smith Insurance Agency Limited et vs Joseph Mifsud et" [Arbitragg Mandatarju Numru M2424/2010] deciza mic-Centru Malti tal-Arbitragg fis-27 ta' Frar 2013 is-somma komplessiva ta' elfejn erba' u sebghin ewro seba' u erbghin centezmu (€2,074.47) in linea ta' danni, imghax, spejjes

legali, gudizzjarji u VAT kif kienet kostretta u obbligata taghmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-vesti taghha ta’ assikuratur tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IBA-376.

2. Fil-fatt gara li fis-16 ta’ Novembru 2009, l-imsemmija vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IBA-376, proprjeta tal-konvenut Joseph Mifsud, misjuqa minnu u assikurata mis-socjeta attrici Elmo Insurance Limited, sfat involute f’incident awtomobilistiku fi triq Dun Gejtanu Mannarino, Birkirkara, ma vettura ta’ terzi.

3. Gara izda li l-konvenut baqa ma rregistrax ‘claim’ wara dan l-incident skond il-polza ta’ assikurazzjoni tieghu. Cio nonostante, is-socjeta attrici Elmo insurance Limited ma setghatx ma thallasx lit-terz una volta kienu sodisfatti d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Permezz ta’ ittra ufficjali taghha fis-6 ta’ Lulju 2010, is-socjeta Elmo Insurance Limited ‘inetr alia’ wissiet lill-konvenut bil-konsegwenzi kollha li kien se jgarrab fil-konfront taghha fil-kaz li l-proceduri istitwiti kontrih jigu decizi kontra tieghu una volta kienu sodisfatti fil-konfront ta’ Elmo Insurance Limited id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Sussegwentement ghal tali hlas, is-socjeta attrici ppresentat ittra ufficjali fit-12 ta’ Gunju 2014 a tenur tal_Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta kontra l-konvenut, liema ittra ufficjali giet ikkontestata.

6. Ghalhekk kellhom jigu istitwati l-proceduri odjerni.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Lulju 2010, l-ispejjes tal-ittra ufficjali skond l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta tat-12 ta’ Gunju 2014 u bl-imghax legali

b'effett mit-12 ta' Gunju 2014 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut, li huwa ngunt ghas-subizzjoni".

**Ra r-risposta tal-intimat minnu pprezentata fil-11 ta' Awwissu, 2015** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"Illi l-konvenut bir-rispett qed jissolleva s-segwenti eccezzjonijiet:

1. Illi preliminarjament, in-nuqqas ta' kompetenza rationae materiae ta' dan ir-rispettabbli Tribunal, a tenur ta' l-Artikolu 1.2 tat-Taqsima A tar-Raba' Sekda ta' l-Att dwar l-Arbitragg.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, ma jezistux ir-rekwiziti necessarji sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici fil-konfront tieghu.

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess, fl-ahjar ipotezi ghall-attrici hija jista biss ikollha jedd ghall-ispejjez u ghall-imghaxijiet, u xejn aktar.

   Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjez kontra l-attrici, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti gudizzjarji taghha".

Ra l-verbal tad-29 ta' Frar, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat, tas-somma ta' €2,074.47c minnha sborsati fil-kawza arbitrali fl-ismijiet Thomas Smith Insurance Agency Limited et vs Joseph Mifsud et deciza fis-27 ta' Frar, 2013. Din is-somma, kompliet tghid is-socjeta rikorrenti, tirrapresenta danni, imghax, spejjes legali, gudizzjarji u VAT li hija kienet kostretta u obbligata thallas a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta fil-vesti taghha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBA-376 proprjeta ta' l-intimat. L-intimat da parti tieghu qal li dan it-Tribunal ma ghandux il-kompetenza rationae materiae a tenur ta' l-Artikolu 1.2 tat-Taqsima A tar-Raba Skeda ta' l-Att dwar l-Arbitragg. Fi kwalunkwe kaz, huwa qal li ma jezistux ir-rekwiziti necessarji sabiex tirnexxi l-azzjoni odjerna fil-konfront tieghu u li bla pregudizzju ghall-premess, fl-ahjar ipotezi ghas-socjeta rikorrenti, hija jista biss ikollha jedd ghall-ispejjez u ghall-imghaxijiet, u xejn aktar.

Ikkunsidra;

2. Mill-atti tal-kawza jirrizulta s-segwenti:

   i) l-intimat kien involut f'incident awtomobilistiku fi Triq Dun Gejtanu Mannarino, Birkirkara fis-16 ta' Novembru, 2009.

   ii) Huwa kien assigurat mas-socjeta rikorrenti.

   iii) L-ebda *claim* ma saret da parti ta' l-intimat ghar-rigward ta' dan l-incident.

   iv) L-ammont reklamat f'din it-Talba ta' €2,074.47c thallas lis-socjeta Thomas Smith Insurance Agency Limited. Dan l-ammont huwa maghmul mis-somma ta' €977.38c li thallas bhala *sorte*; l-ammont ta'

€202.56c bhala interessi mill-5 ta' Awwissu, 2010 sat-8 ta' Marzu, 2013; €865.88c bhala spejjez u drittijiet u l-ahhar ammont ta' €28.65c bhala VAT.

v) L-intimat ma xehedx f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Fit-trattazzjoni, hareg il-punt ta' jekk l-ammont ta' €1,326.35 li qieghed jirreklama r-rikorrenti fit-Talba odjerna huwiex rizultat ta' zball fil-konteggi li kienu saru jew inkellha kienx tnaqqas mill-partijiet bhala kompromess meta giet iffirmata l-iskrittura bejn il-partijiet fid-29 ta' Jannar, 2014. It-tribunal huwa konvint li dak li sar kien frott ta' zball. Dan ghaliex meta l-partijiet kienu waslu ghal bilanc ta' €37,000 li kien dovut mis-socjeta intimata lir-rikorrenti, tnizzlet is-somma ta' €37,000 meta fir-rejalta, kulhadd qabel, hlief ghar-rapprezentant tas-socjeta intimata li l-ammont kellhu jkun ta' €39,492.48c. It-Tribunal ma giex muri ghas-sodisfazzjon tieghu li l-ammont ta' €37,000 kien intlahaq bhala kompromess. Fil-fatt, fl-ewwel klawsola tal-ftehim datat 29 ta' Jannar, 2014 insibu hekk: "*Jiddikjaraw li wara li nhadmu il-bilanci bejn il-partijiet u cioe ta' hlasijiet dovuta minn Jeffrey Micallef li Kumpanija u ta' bilanci dovuta minn Master Enterprise Company Limited lil Jeffrey Micallef jirrisulta li baqa Bilanc bejn il-partijiet ta' sebgha u tletin elf euro (€37,000) dovut minn Master Enterprise Company Limited lil Jeffrey Micallef*" (fol. 41). Ghalhekk it-Tribunal qieghed jifhem li l-izball sehh meta kienu saru l-konteggi u l-konteggi ma jintlahqux b'kompromess izda billi jinghadd ak li thallas u dak li kien ghadu dovut. Wara kollox, anke l-*accountant* tas-socjeta intimata qabel li r-rikorrenti kellhu jiehu ammont aktar minn dak li tnizzel fl-imsemmija skrittura. Huwa semma l-ammont ta' €1,166. Issa bejn dan l-ammont u l-ammont reklamat ta' €1,326.35 hemm differenza ta' €160.35c. It-Tribunal, wara li ra l-konteggi jaqbel ma l-ammont reklamat mir-rikorrenti. Is-socjeta intimata insistiet fuq il-punt tal-pacta sunt servanda fl-eccezzjoni taghha b'mod partikolari ghal dak li jinghad fl-ahhar klawsola ta' l-iskrittura datata

29 ta' Jannar, 2014 fejn inghad hekk: "*In vista ta' dina l-kitba u ffirmar ta' kambjali jigi dikjarati li ma baqa l-ebda bilanci ohra bejn il-partijiet u kwalsiasi dokumenti ohra ffirmati bejn il-partijiet jitqiesu li huma mhassra u revokati*" (fol. 42). Pero t-Tribunal jara li jekk jippermetti din is-sitwazzjoni, s-socjeta intimata tkun qeghda tarrikkixxi ruhha indebitament a skapitu tar-rikorrenti. Dan apparti dak li jipprovdi l-artikolu 1735 tal-Kapitolu 16 li jghid "*Kull waħda mill-partijiet għandha jedd li titlob li jiġi msewwi żball ta' kalkolu li sar fit-transazzjoni*"[1]. Ghalhekk, oltre l-ammont depositat permezz tac-cedola numru 450/2015 fl-ammont ta' €822.32c hemm dovuta mis-socjeta intimata lir-rikorrenti s-somma reklamata f'dawn il-proceduri ta' €1,326.35c.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mis-socjeta intimata, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf tlett mija u sitta u ghoxrin euro u hamsa u tletin centezmi ta' euro [€1,326.35c] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mis-27 ta' Frar, 2015 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Marzu, 2015, huma a kariku tas-socjeta intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**

---

[1] Ara **It-Tabib Principali tal-Gvern vs Dr. Mario Bonnici** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 2009 (App. Nru. 77/2004/1) u **Hubert Spiteri vs Carmel Mifsud** ukoll deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' April, 1998 (App. Nru. 194/94).